**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Ġunju, 2018.**

**Talba Nru: 431/2017PA**

**KnK Airconditioners Co Ltd**

**vs**

**Denniss Kalatsov u b'digriet tat-Tribunal mogħti fid-9 ta` Jannar 2018 ordna l-kjamata fil-kawża ta` Oleg Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-7 ta` Settembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li l-konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta` teltt elef u tmien mitt Ewro (€3,800) rappreżentanti bilanċ fuq prezz ta` *airconditioners*, *washing machines* u *fridges* lilu mibjugħa u kkonsenjati; u li għalkemm il-konvenut ġie nterpellat diversi drabi biex iħallas l-ammont dovut, dan baqa' inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet il-kundanna tal-konvenut biex iħallasħa s-somma dovuta kif spejgat, bl-ispejjeż, u bl-imgħax skond il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha rrespinga kwalunkwe responsabbilta` għall-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi billi ma teżisti ebda relazzjoni bejnu u l-istess soċjeta` attriċi. Huwa ddikjara li, fir-rigward ta` dan il-bejgħ, huwa kien sempliċement inkarigat mix-xerrej Oleg Limited (C37252) biex jgħin bl-installar tal-merkanzija, u għalhekk l-istess Oleg Limited hija responsabbli għall-ammont pretiż, tant li l-konvenut qatt ma ħallas ammonti lis-soċjeta` attriċi, imma l-ħlasijiet kienu jsiru mir-rappreżentant ta` Oleg Limited.

Ra d-dokument anness mar-Risposta tal-konvenut, senjatament affidavit ta` Oleg Skylarov li ddikjara li l-ħlas mitlub b'din il-kawża huwa dovut minn Oleg Limited u mhux mill-konvenut, li tqabbad sempliċement biex jgħin fl-istallazzjoni tal-apparat mixtri.[1]

Ra l-ordni tat-Tribunal mogħti fid-9 ta` Jannar 2018 li bih ordna s-sejħa f'din il-kawża tal-kumpanija Oleg Limited.

Ra r-Risposta tas-soċjeta` kjamata fil-kawża Oleg Limited, li permezz tagħha eċċepiet li ser tieħu responsabbilta` għad-dejn fis-somma ta` €3,800 li nkorra l-konvenut Deniss Kalatsov f'siimħa mingħajr il-permess tagħha. Minħabba f'dan, is-soċjeta` kjamata fil-kawża rriġettat it-talba in kwantu diretta biex hija tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kemm ta` din il-kawża, u anke ta` atti ġudizzjarji oħra konnessi.

Ra li b'Nota ppreżentata fid-29 ta` Mejju 2018, is-soċjeta` attriċi ċediet it-talba fil-mertu, pero` żammet ferm il-kap tal-ispejjeż.

Ra li, f'dan ir-rigward, is-soċjeta` kjamata fil-kawża Oleg Limited ippreżentat nota bil-ftehim milħuq bejn il-partijiet li jgħid li s-soċjeta` attriċi rċeviet il-ħlas mitlub b'din il-kawża, flimkien mal-ispejjeż tal-mandat u tal-kunsinnatarju, mingħand Oleg

[1] Fol. 32

Limited, *'għas-saldu ta` kull pretensjoni oħra li KnK Airconditioners jista` jkollha kontra Oleg Limited'*.[2]

Ikkunsidra li:

Fix-xiehda tiegħu[3], Karl Vella Petroni, General Manager tas-soċjeta` attriċi, kien spjega li fis-17 ta` Mejju 2017, il-konvenut Deniss Kalatsov kien mar fil-ħanut tagħhom, u nforma lir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi li kellu kumpless ta` bini f'Malta, u ried jistalli sistemi ta` airconditioning fih. Ix-xhud ikkomunika miegħu l-għada, u fit-18 ta` Mejju 2017 mar jara l-post f'San Pawl il-Baħar. Iltaqa' mal-konvenut fuq il-post, u urieh fejn ried iwaħħal il-*units*. Ix-xhud qal li l-konvenut kellmu daqslikieku l-kumpless kien tiegħu. Talbu b'kollox 15-il unit, u wiegħdu li jekk jagħtiħ prezz tajjeb, jixtri mingħand is-soċjeta` attriċi unit ieħor għad-dar tiegħu. Ix-xhud bagħatlu stima, u Kalatsov aċċettaha, u talab li jħallas b'erba' ċekkijiet *post-dated*. Ix-xhud aċċetta. Kalatsov talab ukoll li jixtri ħames washing machines, u dawn kienu konsenjati lilu. Sakemm wasal biex jissarraf l-ewwel ċekk, is-soċjeta` attriċi kienet ikkonsenjatlu u waħħlitlu diga' xi *airconditioning units*, tlieta jew erba'. Meta mbagħad iċ-ċekk ma ssarrafx, ix-xogħol waqaf. Laħaq ħallas €1,000 depożitu fi flus kontanti.

In kontroeżami, ix-xhud qal li kienet issemmiet Oleg Limited, li Kalatsov kien identifika bħala kumpanija tiegħu. L-istima ħarġet f'isem Deniss Kalatsov personalment,u għas-soċjeta` attriċi ħu u Oleg Limited kienu l-istess ħaġa. Iċ-ċekk kien ta` Oleg Limited[4], pero` x-xhud qal li qatt ma ltaqa' ma' ebda rappreżentant ieħor ta` Oleg Limited.

Chris Vella Petroni, prodott mill-istess soċjeta` attriċi, xehed li huwa mpjegat mas-soċjeta` attriċi. Lil Deniss Kalatsov kien kellmu biex iwaħħallu l-*airconditioning units* li xtara mingħand is-soċjeta` attriċi. L-ewwel unit li twaħħallu kien fl-appartament privat tiegħu fil-Mosta, u mbagħad twaħħlu żewġ *airconditioning units* oħra f'kumpless

---

[2] Ara nota ppreżentata fid-29 ta` Mejju 2018
[3] Ara xiehda, 27.2.2018, fol. 45 sa 47
[4] Fol. 51

f'San Pawl il-Baħar. Ix-xhud qal li f'dan il-kumpless kien hemm in-nies li ntalbu joħorġu l-flus għall-*airconditioning units,* u filfatt rahom jgħaddu l-flus lil Kalatsov. Waqt li kienu qed iwaħħlu t-tieni unit, kien hemm persuna li qaltilhom li Kalatsov kien biss inkwilin hemm, u li ma kienx awtorizzat jagħti struzzjonijiet. Dik l-istess persuna, li kienet qed tagħmel xogħlijiet ta` manutenzjoni fil-blokk, qaltilhom li s-sistema tad-dawl ma kinetx tiflaħ għal dawk il-units kollha. Minħabba f'hekk, ix-xhud ċempel lil Kalatsov u nfurmah li kien ser jieqaf mix-xogħol fuq ordni tas-sid. Kalatsov kellu jgħaddilhom ċekk, li għaddiħulhom granet wara, pero` ma ssarrafx. Minħabba f'hekk, ix-xogħlijiet twaqqfu. Kalatsov wiegħed diversi drabi li kien ser iħallas, pero` baqa' ma ħallasx.

Ikkunsidra li:

Mill-provi mressqa quddiem it-Tribunal, jirriżulta li Oleg Limited ittransiġiet mas-soċjeta` attriċi, ħallset is-somma mitluba b'din il-kawża, u xi spejjeż oħra, għas-saldu, u ma ħallsitx ukoll l-ispejjeż tal-kawża. Kif tipprovdi l-liġi stess, fl-**art. 1725** tal-Kodiċi Ċivili, it-transazzjoni għandha saħħa ta` sentenza bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni tranżatta, u għalhekk f'dan il-każ is-soċjeta` attriċi ġiet irrinunżjat għal kwalunkwe jedd jew pretensjoni ulterjuri kontra Oleg Limited *("a saldu ta` kull pretensjoni oħra li KnK Airconditioners jista` jkollha kontra Oleg Limited"*[5]).

Kwantu għall-konvenut l-ieħor Deniss Kalatsov, it-Tribunal fehem li kien dan il-konvenut Kalatsov li daħal f'relazzjoni mas-soċjeta` attriċi, mingħajr ma ċċara li kien qed jikkuntratta għan-nom ta` Oleg Limited. Dan issostnieħ l-istess Oleg Limited, li tgħid li l-konvenut ma kienx awtorizzat jidħol f'din il-kuntrattazzjoni għan-nom u fl-interess tagħha.

Irriżulta mill-provi li din il-kawża saret meħtieġa għaliex is-soċjeta` attriċi baqgħet ma tħallsitx ta` dak li biegħet u kkonsenjat, fuq talba tal-konvenut Deniss Kalatsov li, b'mod mill-aktar ambigwu, ippreżenta ruħu bħala klijent, filwaqt li semma' wkoll lil Oleg Limited, mingħajr ma ċċara f'liema kapaċita` kien qed jidher, u b'liema

[5] Dok. VA

awtorita` kellu jikkuntratta f'isem Oleg Limited. Minnaħa tagħha, il-mistoqsija li jrid jiddetermina t-Tribunal, illum, għalhekk hija jekk it-talba attriċi għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża tirriżultax pruvata fil-konfront tal-konvenut Deniss Kalatsov.

Din il-kwistjoni ġiet trattata b'reqqa fis-sentenza **M.C.F. Company Limited vs Charles Buhagiar et**[6]. Il-Qorti f'dik is-sentenza ppuntwalizzat li:

(1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieh is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha.[7]

(2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għaliħ innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-siġurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftieħem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in *bona fede* u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.

(3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha *spendita del nome*, jew il-*ċontemplatio domini.*[8] Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor.[9] Fl-assenza ta` turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed *"un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media"*[10] - hekk imsejħa *contemplatio domini per facta concludentia.* "*In conseguenza la rappresentanza*

[6] Prim'Awla, per Imħ. Mintoff, 15.6.2016
[7] *Betti, Teoria generale del negozio giuridico, 574; Roppo, Il Contratto 275;* Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'*Giur.it.*, 1985, I,1,1482.
[8] Vincenzo Roppo, *Trattato del Contratto*, 2006, Vol I, *Formazione*, pagna 761.
[9] **Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna** (Ċit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal- Kummerċ fis-27 ta` April 1992; **Philip Galea Souchet vs. Michael Falla**, Appell Kummerċjali, 4 ta` Mejju, 1973; **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** deċiża fis-27 ta` April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima** deċiża fit-30 ta` April, 1992 ,Vol. LXXVI iv 677.
[10] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003

*può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito."*[11]

Fl-istess sentenza, il-Qorti kompliet tgħid li *'meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel."*[12] *'*

Wara li qies il-provi kollha mressqa f'din il-kawża, u l-prinċipji legali u ġurisprudenżjali fuq elenkati, it-Tribunal jidħirlu li, b'ekwita` skond il-liġi, l-ispejjeż ta` din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut Deniss Kalatsov, minħabba li naqas meta ma weriex lis-soċjeta` attriċi, fil-mument tal-kuntrattazzjoni, li kien debitament awtoriżżat minn Oleg Limited biex jikkuntratta f'isimha, u li filfatt kien qed jagħmel dan.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba fil-mertu, jiddisponi mit-talba għall-ħlas tal-ispejjeż billi jikkundanna lill-konvenut Deniss Kalatsov iħallas l-ispejjeż kollha ta` din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**

---

[11] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 10.12.1996, n. 10989, Mass For. It.,1996. Ara wkoll Roppo, op.cit., pagna 766

[12] **Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward) Borg,** Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta` Mejju, 1990.